***Aqra din is-silta u nnota l-kliem b'linja taħtu.***

## L-Importanza tal-Widien

Fix-xitwa stenna **maltempati** u **ġranet** imxarrba. Infatti l-**qwiel** Maltin javżawna li 'f'Jannar stenna xita, ksieħ u nar' u li 'Frar ifawwar il-**bjar**.' Matul dawn ix-**xhur,** il-**widien** tagħna jerġgħu jħaddru permezz tal-**ilmijiet** li jilqgħu fihom. Il-**pjanti**, is-**siġar**, l-**insetti**, l-**annimali** u t-**tjur** li jgħixu fihom ikunu qed jistennewh dan iż-żmien wara x-**xhur** xotti u sħan tas-sajf. Żewġ **speċi** importanti ħafna li nsibu fil-widien huma ż-**żrinġijiet** u l-**granċijiet** tal-ilma ħelu. (par. 1)

Il-widien iservu ta' protezzjoni mill-għargħar u b'hekk permezz tagħhom nevitaw li l-għelieqi jegħrqu u l-ħamrija tinġarr lejn ix-xtut. Biex wieħed jinduna kemm huma importanti l-widien, għandu jżur xi toroq li ħadu post il-widien bħal ngħidu aħna Triq il-Wied ta' Birkirkara u Triq l-Imsida waqt ħalba xita. Mhux l-ewwel darba li tant jinġabar ilma f'dawn l-inħawi li jegħrqu d-djar, jinġarru l-karozzi u ssir ħafna ħsara lill-uċuħ tat-toroq. (par. 2)



*Wied il-Qlejgħa wara x-xita*



*Triq il-Wied, Birkirkara, wara x-xita*

Meta n-nom ikun fil-**plural** jindika **ammont** ta' persuni, oġġetti, postijiet jew ideat.

Eż: maltempati, ġranet, qwiel, bjar, xhur, widien, ilmijiet, pjanti, siġar, insetti, annimali

### A. Agħmel ċirku madwar 6 nomi oħra fil-plural mit-2 paragrafu.

Isem: ____________________________________ Klassi: ____________________

**B. Sib is-singular minn din il-kaxxa u iktbu taħt l-istampa t-tajba. Wara agħti l-plural.**

fjura, karrotta, kaxxa, rota, ġurdien, zokk, xkora, ċavetta



**Ċ. Imla l-vojt bil-plural tal-kliem li hemm fil-parentesi**

1. Fix-xitwa, ħafna ________________ (Malti) imorru għal ftit mistrieħ fil-widien imma ftit jaħsbu dwar il-bżonn li nipproteġu 'l dawn l-imkejjen.

2. Mhux l-ewwel darba li tara lil min jaqleb il-___________ (ħajt) tas-sejjieħ biex jiġbor il-_______________ (bebbuxu).

3. Ħsara li ma tissewwiex lill-widien qed issir ukoll mill-___________ (barriera) li jeqirdu għal dejjem dak li fforma f'_________ (elf) ta' _________ (sena).

4. Theddida oħra għall-widien ġejja mill-*offroading* fejn _____________ (karozza) kbar u ___________ (mutur) jinstaqu f'dawn il-widien bil-konsegwenza li jgħaffġu kulma jsibu taħt ir-__________ (rota).

5. Il-ħarsien tal-widien huwa wieħed mid-______________________ (dmir) ta' kull ċittadin Malti biex hekk inkunu nistgħu ngħadduhom lill-___________________ (ġenerazzjoni) ta' warajna.

## D. Agħti l-plural ta' dawn in-nomi

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. majjal | | 10. missier | | 22. lewża | |
| 2. ballottra | | 11. aħbar | | 23. larinġa | |
| 3. dundjan | | 12. xogħol | | 24. bajtra | |
| 4. frawla | | 13. rdum | | 25. lanġasa | |
| 5. għalliem | | 14. bieb | | 26. barri | |
| 6. bidwi | | 15. far | | 27. Mosti | |
| 7. raħħal | | 16. nar | | 28. belti | |
| 8. wesgħa | | 17. serp | | 29. raħli | |
| 9. lifgħa | | 18. razzett | | 30. berger | |
| | | 19. xkora | | 31. trakter | |
| | | 20. felli | | 32. wejter | |
| | | 21. forn | | 33. kompjuter | |



## E. Ikteb il-plural tal-ħjiel fit-tisliba

**Mimdudin**

2. farfett
4. għalqa
7. passaġġ
8. bir
9. ħaxixa

**Weqfin**

1. gremxula
3. dielja
4. għasfur
5. qanfud
6. girna



____________________ Klassi: ____________________